REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/735

tal-2 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-użu ta' taħlita ta' laħam u għadam miħuna bħala karburant f'impjanti ta' kombustjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1)(e) u l-punt (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([2]) jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għar-regoli tas-saħħa tal-pubbliku u tal-annimali tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, inkluż ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-użu ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati bħala karburant f'impjanti tal-kombustjoni.

(2) It-taħlita ta' laħam u għadam miħuna (MBM) hija l-proteina tal-annimali derivata mill-ipproċessar ta' materjali tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2. Għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin, l-MBM kienet tintrema' bħala skart bl-inċinerazzjoni jew bil-koinċinerazzjoni f'konformità mal-Artikolu 12(a) jew (b) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Għall-użu sostenibbli ta' sorsi tal-enerġija, l-industrija żviluppat teknoloġija għall-użu tal-MBM bħala karburant f'apparati tal-kombustjoni f'konformità mal-Artikolu 12(e) ta' dak ir-Regolament, sabiex tuża s-sħana ġġenerata minn dik il-kombustjoni.

(3) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprevedi r-regoli għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' kombustjoni li jużaw id-demel tal-annimali mrobbijin fi rziezet bħala karburant għall-kombustjoni. Jeħtieġ li dak l-Artikolu jiġi emendat sabiex jinkludi regoli li jikkonċernaw l-użu tal-MBM bħala karburant għall-kombustjoni.

(4) Il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi r-regoli dwar it-tipi ta' impjanti u ta' karburanti li jistgħu jintużaw għall-kombustjoni u r-rekwiżiti speċifiċi għal tipi partikolari ta' impjanti. Jixraq li jiġu previsti regoli li jikkonċernaw l-impjanti ta' kombustjoni li fihom l-MBM tintuża bħala karburant għall-kombustjoni, inkluż il-limiti ta' emissjoni u r-rekwiżiti ta' monitoraġġ. Sabiex jiġu ssodisfati l-istandards ambjentali rilevanti, jenħtieġ li l-limiti tal-emissjonijiet u r-rekwiżiti ta' monitoraġġ li japplikaw għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw id-demel tat-tjur bħala karburant, japplikaw ukoll għall-impjanti ta' kombustjoni b'input termiku nominali totali ta' mhux aktar minn 50 MW li jużaw l-MBM bħala karburant.

(5) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li tipprevedi sett komprensiv ta' regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis li jirriżulta minn attivitajiet industrijali. Din id-Direttiva tippreskrivi wkoll regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent globalment. L-installazzjonijiet li jittrattaw il-prodotti sekondarji tal-annimali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva diment li l-kapaċità tat-trattament tagħhom taqbeż l-10 tunnellati kuljum. Id-Direttiva tobbliga lill-installazzjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha li jkunu detenturi ta' permess li għandu jkun ibbażat fuq l-aqwa tekniki disponibbli (BAT). Il-konklużjonijiet tal-BAT, li huma parti mid-dokumenti ta' referenza tal-BAT ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, huma r-referenza biex tiġi stabbilita l-kundizzjoni tal-permess ([4]).

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

([4]) Id-dokument ta' referenza dwar il-BAT fil-biċċeriji u fl-industriji tal-prodotti sekondarji tal-annimali ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fil-15 ta' April 2005. https://eippcb.jrc.ec.europa.eu/reference/
Dan jinkludi dispożizzjonijiet għall-kombustjoni ta' taħlita ta' laħam u għadam miħuna.

(6) Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) introduċiet valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għal ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika (input termiku) nominali totali li ma taqbiżx il-50 MW, li jkopru t-tipi kollha ta' karburanti solidi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiddetermina b'mod komprensiv il-miżuri u l-kundizzjonijiet għall-kombustjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali speċifiċi f'impjanti bħal dawn. Madankollu, dak iż-żmien il-miżuri u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' prodotti sekondarji tal-annimali jew ta' prodotti derivati għajr id-demel tat-tjur fl-azjenda agrikola bħala karburant f'impjanti tal-kombustjoni ma kinux stabbiliti. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u rekwiżiti, inklużi valuri ta' limitu tal-emissjonijiet speċifiċi, għall-użu tal-MBM bħala karburant f'impjanti tal-kombustjoni b'input termiku nominali totali li ma taqbiżx l-50 MW fil-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali.

(7) Ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jkunu stretti biżżejjed biex jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet għal karburanti solidi oħrajn fid-Direttiva (UE) 2015/2193. Dan ir-Regolament jiżgura wkoll li l-impatti negattivi possibbli fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mill-ħruq tal-MBM ma jkunux akbar minn dawk li jirriżultaw mill-kombustjoni tal-iskart.

(8) Il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għall-użu ta' materjali differenti bħala karburant f'impjanti tal-kombustjoni b'kapaċità termali kklassifikata (input termiku nominali) totali li taqbeż il-50 MW huma stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE, li tapplika f'każ tal-użu ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati, inkluż l-MBM, bħala karburant f'dawn l-impjanti ta' kombustjoni.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 u l-Anness III tiegħu jiġu emendati skont dan.

(10) B'mod simili, dan ir-Regolament għandu jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jagħtu perjodu ta' tranżizzjoni lill-impjanti tal-kombustjoni eżistenti biex jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar iż-żieda kkontrollata tat-temperatura tal-gass tal-egżost, diment li dawk l-emissjonijiet ma jkunux ta' riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali jew tal-ambjent. Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali ma twaqqafx lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli ta' kalkolu rilevanti għal valuri ta' limitu tal-emissjonijiet, stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/2193, meta l-MBM tinħaraq flimkien ma' karburanti jew skart ieħor.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 142/2011, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Għall-użu bħala demel tal-annimali mrobbijin fi rziezet jew ta' taħlita ta' laħam u għadam mitħuna bħala karburant għall-kombustjoni kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness III, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw flimkien ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu:

(a) l-applikazzjoni għall-approvazzjoni li tiġi sottomessa mill-operatur lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jrid ikun fiha evidenza ċċertifikata mill-awtorità kompetenti jew minn organizzazzjoni professjonali awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, li l-impjant ta' kombustjoni li fih jintuża d-demel ta' annimali mrobbijin fi rziezet jew taħlita ta' laħam u għadam mitħuna bħala karburant jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti B(3) għad-demel, u (D) fil-każ tat-taħlita ta' laħam u għadam mitħuna kif ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti għaż-żewġ karburanti fil-punti B(4) u B(5) tal-Kapitolu V tal-Anness III ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jagħtu deroga mill-konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet f'konformità mal-punt C(4) tal-Kapitolu V tal-Anness III;

([5]) Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1).

(b) il-proċedura ta' approvazzjoni prevista fl-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 ma għandhiex tiġi konkluża qabel ma jkunu saru mill-inqas żewġ verifiki konsekuttivi, waħda minnhom għall-għarrieda, mill-awtorità kompetenti jew minn organizzazzjoni professjonali awtorizzata minn dik l-awtorità, matul l-ewwel sitt xhur tat-tħaddim tal-impjant tal-kombustjoni, inkluż il-kejl meħtieġ tat-temperatura u tal-emissjonijiet. Wara li r-riżultati ta' dawk il-verifiki juru li hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti B(3), B(4) u B(5) għad-demel, u (D) għat-taħlita ta' laħam u għadam miżhuna u, meta applikabbli, mal-punt C(4) jew mal-punt D(5) tal-Kapitolu V tal-Anness III ta' dan ir-Regolament, tista' tingħata l-approvazzjoni sħiħa.

(c) il-kombustjoni tat-taħlita ta' laħam u għadam miżhuna f'impjanti ta' kombustjoni msemmija fil-punti A, B u C tal-Kapitolu V tal-Anness III ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi awtorizzata."

Artikolu 2

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat f'konformità mat-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-2 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fil-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jiżdied il-punt D li ġej:

"D. Impjanti ta' kombustjoni li fihom jintużaw taħlita ta' laħam u għadam mitħuna bħala karburant għall-kombustjoni

1. Tip ta' impjant:

   Impjanti tal-kombustjoni b'input termiku nominali totali li ma jaqbiżx il-50 MW.

2. Materjal tal-bidu:

   Taħlita ta' laħam u għadam mitħuna minn materjali tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2, li jintużaw bħala karburant għall-kombustjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 waħdu jew f'taħlita ta' laħam u għadam mitħuna mħallta ma' xaħam immaċinat u ma' demel.

3. Rekwiżiti speċifiċi għat-taħlita ta' laħam u għadam mitħuna meta dawn jintużaw bħala karburant għall-kombustjoni:

   (a) it-taħlita ta' laħam u għadam mitħuna għandha tinħażen fl-impjant ta' kombustjoni b'mod sigur f'ħażna magħluqa protetta mill-aċċess tal-annimali u ma għandhiex tintbagħat lejn destinazzjoni oħra sakemm dan ma jkunx awtorizzat mill-awtorità kompetenti f'każ ta' waqfien jew f'kundizzjonijiet ta' tħaddim mhux normali;

   (b) l-impjanti ta' kombustjoni jridu jkunu mgħammra:

      (i) b'sistema awtomatika jew kontinwa ta' ġestjoni tal-karburant sabiex il-karburant jiddaħħal direttament fil-kamra tal-kombustjoni mingħajr aktar manipulazzjoni;

      (ii) b'berner awżiljarju li jrid jintuża waqt l-operazzjonijiet tal-bidu u tat-tmiem sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tat-temperatura stabbiliti fit-Taqsima 2(2) tal-Kapitolu IV huma ssodisfati f'kull ħin waqt dawk l-operazzjonijiet, u sakemm ikun għad hemm materjal mhux maħruq fil-kamra tal-kombustjoni.

4. Metodoloġija:

   L-impjanti ta' kombustjoni li fihom tintuża taħlita ta' laħam u għadam mitħuna ta' materjali tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2 bħala karburant għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu IV u mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fil-punti B(4) u B(5) ta' dan il-Kapitolu.

5. Derogi u perjodi tranżizzjonali:

   L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għal kwistjonijiet ambjentali tista', permezz ta' deroga mill-punt 3(b)(ii), tagħti lill-impjanti ta' kombustjoni li joperaw fit-3 ta' Ġunju 2020 perjodu ta' żmien addizzjonali ta' massimu ta' erba' snin biex ikun hemm konformità mat-tieni subparagrafu tal-punt 2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV."